MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 328/1991/1

**Tarcisio Borg**

**v.**

**Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u**
**l-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza kostituzzjonali u konvenzjonali taghha) moghtija fit-18 ta' April, 1997.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

1. L-appellat Tarcisio Borg huwa propjetarju ta' porzjon art f'San Pawl il-Bahar tal-kejl ta' circa 63.17 metru kwadru;

2. Din l-art kienet originarjament giet esproprijata ma' porzjon art ikbar sabiex jinbena Centru Civiku u pjazza. L-art meritu tal-kawza ma kenitx utilizzata u fit-22 ta' Dicembru 1989 giet rilaxxjata. Skond il-Kummissarju ta' l-Artijiet (xhieda moghtija fis-seduta tal-4 ta' Mejju 1992) wara li l-art giet rilaxxjata *"…xi membri tal-pubbliku attirawli l-attenzjoni ghall-fatt li taht wahda miz-zewg bicciet art rilaxxjati u cioe` taht dik in kwistjoni kien hemm speci ta' gibjun"*. Wara li ghamel il-verifiki u gie stabbilit li kien hemm gibjun, *"…jien ergajt esproprijajt l-art in kwistjoni"*.

3. Permezz tan-Notifikazzjoni numru 640 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Ottubru 1990, gie ddikjarat li l-art in kwistjoni kienet qeghda tigi esproprijata ghal skop pubbliku u l-akkwist taghha kellu jsir b'xiri assolut.

4. Ir-rikorrent appellat ikkontesta t-tehid ta' din l-art peress li skond hu t-tehid ma sarx ghal interess pubbliku u talab li l-Qorti tiddikjara n-notifikazzjoni numru 640 tad-9 ta' Ottubru 1990 bhala nulla u bla effett in kwantu t-tehid sar bi ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

5. L-intimati appellanti eccepew quddiem l-Ewwel Qorti li:-

(a) Skond l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal skopijiet pubblici (Kap. 88) hadd ma jista' jezigi prova ta' l-interess pubbliku. Din l-eccezzjoni giet michuda permezz ta' sentenza preliminari moghtija fit-3 ta' Mejju 1991.

(b) Fil-meritu, li l-art ittiehdet fl-interess pubbliku, li jikkonsisti ***“proprju fil-bini ta’ reservoir u culverts ghall-ilma tax-xita fl-art in kwistjoni”***.

6. L-appell ta’ l-appellanti huwa limitat ghas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-18 ta’ April 1997. Fil-fatt permezz ta’ sentenza preliminari moghtija fit-3 ta’ Mejju 1991, l-Ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati. Bis-sentenza taghha tat-18 ta’ April, 1997 il-Prim Awla cahdet l-eccezzjonijiet fil-meritu u laqghet it-talbiet tar-rikorrent Borg (illum l-appellat), u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-1968 territorju shih, li tiehu l-art in kwistjoni kienet tifforma parti, kien gie esproprjat mill-Gvern. Fuq parti minn dan it-teritorju nbena gnien pubbliku u gew iffurmati t-toroq ta’ madwar l-istess gnien. F’Dicembru tal-1989 il-partijiet tal-imsemmi territorju il ma ntuzawx ghal gnien u ghat-toroq, inkluz il-bicca art in kwistjoni, gew rilaxxjati favur is-sidien. Jirrizulta li sussegwentemetn ir-rikorreti akkwista b’titolu ta’ enfitewsi l-bicca art in kwistjoni. Din il-bicca art, li hi tal-kejl ta’ 63 metru kwadru, regghet gie esproprijata mill-Gvern fil-1990. Jirrizulta inoltre illi l-art in kwistjoni tinsab bejn l-imsemmi gnien pubbliku u bini il huwa proprjeta` ta’ certu Tumas Fenech jew ta’ xi socjeta` tieghu;

Hu rilevanti li jigi puntwalizzat illi r-rikorrenti qed jattakka t-tieni esproprju cioe` dak li sar f’Ottubru il-1990. Ghalhekk ghandu jirrizulta li dan it-tieni esproprju sar fl-interess pubbliku u appuntu li l-imsemmija bicca art ta’ 63 metru kwadru ttiehdet ‘fl-interess pubbliku’;

L-intimat Kummissarju tal-Artijiet ikkonferma li l-art in kwistjoni kienet giet rilaxxjata fil-1989 fuq talba tal-Public Works Department. Huwa qal li sussegwentement irrizulta li fl-art in kwistjoni kien hemm ‘speci ta’ gibjun’ u ghalhekk fuq rakkomandazzjoni talistess dipartiment l-art regghet giet esproprijata;

Il-Perit Herbert Crockford, li huwa d-Deputat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, jghid li l-art in kwistjoni qatt ma messa giet rilaxxjata fil-1989 peress li fiha kien hemm esistenti gibjun mibni mill-Gvern, u ghalhekk l-istess art regghet giet esproprjata. Huwa stess pero` jammetti li l-gibjun qatt ma gie komunikat u dan f'medda ta' zmien pjuttost twila, zgur aktar minn ghaxar (10) snin. Jirrizulta ghalhekk li l-allegat skop ghall-bini tal-gibjun, u cioe` li jilqa' l-ilma tax-xita mit-toroq u meta jfur suppost li l-ilma jibqa' sejjer f'kanal li jaghti ghall-bahar, qatt ma ntlahaq. Dan il-fatt zgur li jitfa' dubju kemm fil-fatt kien effettivament dan l-iskop ghaliex inbena l-gibjun;

Joseph Publius Farrugia, Technical Officer mad-Dipartiment tat-Toroq, prodott mill-intimati, qal l l-gibjun in kwistjoni nbena mid-dipartiment kompetenti tal-Gvern wara li nhareg "'departimental tender'. Tender ta' din in-natura ma tigix pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, izda d-dipartiment isejjah xi zewg kuntratturi u x-xoghol jinghata b'direct order lil min jaghmel l-irhas offerta;

Dawn ic-cirkostanzi ta' kif inbea l-gibjun mhux ghal kollox cari. Di piu` jirrizulta li t-tender ghall-bini tal-gibjun ittiehdet proprju mill-imsemmi Tumas Fenech jew xi socjeta` tieghu. Kif gia` gie rilevat din il-persuna kellha interess fil-bini li hemm biswit l-art in kwistjoni;

In effett l-imsemmi xhud Farrugia ma kienx esawrienti f'dak li qal u mhux dejjem jaghti spejgazzjoni adegwata ghal certi fatti minnu imsemmija. Difatti huwa jghid li kien iccertifika li x-xoghol ghar-rigward tal-gibjun kien tlesta u dana skond il-kondizzjonijiet tat-tender u jghid li biex ghamel dan zgur li kien hemm certifikat tal-'quantity surveyor'. Ghandu jinghad pero` li dan l-ahhar certifikat ma giex prodott u lanqas ma nghata l-isem tas-surveyor li suppost hareg dan ic-certifikat. Huwa inoltre qal li ma kien hemm ebda minuta fil-file relattiv li huwa kien mar fuq il-post in kwistjoni sabiex jiccertifika li x-xoghol kien tlesta;

Min-naha l-ohra xhud prodott mir-rikorrenti jaghmel diversi asserzjonijiet li jistghu jittiehdu li jindikaw li l-espropju in kwistjoni in effett ma sarx fl-interess pubbliku. Dan ix-

xhud huwa hu r-rikorrenti, cioe` l-Perit Richard Borg, li qal li l-imsemmi Tumas Fenech (jew xi socjeta` tieghu) zmien ilu, kien nehha t-tafal mhux biss minn fuq l-art tieghu izda anke minn fuq l-art in kwistjoni u bena kantina msaqqfa taht il-livell tat-triq anke taht l-art li ma kienetx tieghu, cioe` taht l-art in kwistjoni. Huwa qal li wara li sar it-tieni espropju mar fuq il-post u sab li kien hemm biss bir jew fossa ta' kobor ta' tlett metri bi tlett metri. Huwa qal li rega' mar fil-mori ta' dawn il-proceudri u f'din l-okkazjoni sab li l-affarijiet kienu nbiddlu u cioe` sab li l-bir kien kiber u ha forma ta' reservoir u dan billi tnehha hajt fin-naha tal-Lvant tal-bir, u b'hekk il-bir gie estiz ghal tul ta' tnejn u erbghin pied, u tlett pulzieri, u dan billi geit inkorporata fih parti mill-kantina ta' blokk ta' bini ta' Tumas Fenech, liema kantina in effett kienet tinsab fl-art in kwistjoni. Dan ix-xhud esebixxa relazzjoni ppresentata minn esper tekniku f'kawza ohra precedenti minn fejn jirrizulta li l-istess espert tekniku kkonkluda li l-imsemmi Tumas Fenech ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti cioe` l-familja Borg. Ix-xoghol il kien gia sar kien jikkonsisti fit-thaffir tal-materjal biex jigi ikkreat is-sular ta' taht it-triq, thaffir ghall-preparazzjonijiet ta' pedament – tlugh ta' hajt u pilastri tal-konkos rinforzat;

Jista' jinghad li l-maggior parti ta' dak li qal limsemmi xhud prodott mir-rikorrenti huwa b'xi mod konfermat mill-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, li gie nominat f'dawn il-proceduri. L-imsemmi perit tekniku jiddeskrivi l-gibjun in kwistjoni bhala 'reservoir' u jghid li dan huwa zghir wisq biex jissejjah 'gibjun' jew 'giebja'. Huwa kkonkluda li xi darba dan ir-reservoir kien jifforma parti minn spazju akbar illi jifforma l-kantina taht il-bini ta' Tumas Fenech. L-espert tekniku ma setax jikkonstata kif u minn fejn jingabar l-ilma f'dan ir-'reservoir' pero` qal li huwa cert illi dan l-ispazju ma jilqax l-ilma tax-xita li jaqa' fil-vicinanzi. Huwa qal li ma hemm ebda sinjal ta' pompa illi trid tintuza sabiex sabiex jissaqqew s-sigar tal-gnien pubbliku;

L-istess Perit Tekniku qal li ma kienx hemm sinjali li jindikaw diversi livelli tal-ilma. Il-kisi mhux dak li jkun hemm generalment f'reservoir ta' l-ilma. Il-hitan huma kollha tal-gebel miksi, meta normalment dawn jinbnew bil-

bricks. Reservoir suppost li jkollu kemm inflow u kemm outflow. F'dan il-kaz hemm biss katusa wahda u ma setax jigi konkluz jekk di isservix bhala inflow jew outflow. Zgur li originarjament ir-reservoir ma inbeniex bhala tali;

In vista ta' dan kollu, tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jistax jinghad li jirrizulta b'mod sufficjenti illi l-bicca art in kwistjoni ttiehdet fl-interess pubbliku u biex isservi ghac-cittadini fil-generalita` taghhom fl-Istat. Ma jirrizultax sufficjentement ipprovat illi in effett il-bicca art in kwistjoni ttiehdet gahliex go fiha kien hemm 'reservoir' u 'culverts' ghall-ilma tax-xita. Ma jirrizultax dak li sostnew l-intimati u xi xhieda minnhom prodotti li l-imsemmi gibjun li hemm fl-art in kwistjoni nbena biex jilqa' l-ilma tax-xita mit-toroq u meta jfur, l-ilma jibqa' sejjer f'kanal li jaghti ghall-bahar, jew li nbena biex l-ilma tieghu jintuza biex jissaqqew s-sigar tal-imsemmi gnien pubbliku. Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati u ghadhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-intimati u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li t-tehid ta' l-art inkwistjoni mhux ser isir fl-interess pubbliku u ghalhekk l-istess tehid ser ikun bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol li hemmmal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, liema artikolu gie res esgwibbli bhala parti mil-Ligi taghna bl-Att XIV tal-1987 u konsegwentement tiddikjara li n-notifikazzjoni numru 640 tad-9 ta' Ottubru 1990 imsemmija fir-rikors hi nulla u bla ebda effett;

Spejjez kontra l-intimati insolidum."

**<u>L-Appell</u>**

7. L-intimati Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u l-Kummissarju ta' l-Artijiet appellaw minn din is-sentenza.

L-aggravji taghhom huma, in sintesi, is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti addottat definizzjoni zbaljata ta’ “interess pubbliku”, (ii) li bhala fatt il-Gvern kien bena gibjun fuq l-art in kwistjoni, b’mod li l-istess gibjun huwa tal-Gvern u ghalhekk certament “pubbliku”, (iii) li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti hija bbazata fuq numru ta’ konsiderazzjonijiet irrelevanti, (iv) li hija bbazata fuq konstatazzjonijiet teknici li jmorru oltre dak konstatat mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti, (v) li mis-sentenza ma jirrizultax b’mod inekwivoku kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha li l-art in kwistjoni ma ttehditx fl-interess pubbliku, u (vi) li r-rimedju moghti, cioe` dak li tigi dikjarata nulla l-esproprjazzjoni maghmula skond il-ligi, ma kienx ir-rimedju indikat fic-cirkostanzi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

8. Jirrizulta mill-atti li l-ewwel Qorti hatret lill-A.I.C. Anton Valentino bhala perit tekniku. Dan irrelata li:-

- L-istruttura li hemm taht l-art meritu tal-kawza hija zghira wisq biex tissejjah gibjun jew giebja;
- Li fis-saqaf tal-bir hemm zewg travi li huma kontinwi ghal taht bini ta’ terzi (Easysell, proprjeta` allura ta’ Tumas Fenech) u huma kbar wisq biex kienu nbnew biss biex jifilhu s-saqaf tar-reservoir u ***“jidher illi kienu nbnew sabiex fuqhom jinbena sular jew iktar bini”***.
- L-istruttura kienet xi darba tifforma parti minn spazju ikbar illi jifforma l-kantina tal-bini tal-Easysell li hija ma’ gemb l-istruttura;
- L-ispazju in kwistjoni ma jilqax ilma tax-xita illi jaqa’ fuq il-paviment pubbliku izda jista’ biss jilqa’ ilma li jigi minn xi post privat. Il-perit kkonstata li l-ilma tax-xita jaqa’ f’culvert qabel ma jista’ jilhaq l-istruttura in kwistjoni. Ma tezisti l-ebda konnessjoni bejn il-culvert u l-bir;
- M’hemm l-ebda prova li hemm xi pompa biex isservi biex ittella’ l-ilma.

Fis-seduta tal-11 ta’ Frar 1994 xehed il-perit Anton Valentino u kkonferma li:-
- Il-hitan tar-reservoir huma tal-gebel miksi meta normalment dawn ikunu tal-*bricks*.

- Reservoir suppost ikollu *inflow* u *outflow*. Mill-indagni li ghamel kien hemm katusa wahda biss u ma setax jistabilixxi kenitx *inflow* jew *outflow*.
- Zied jghid li *“Zgur li originarjament ir-reservoir ma inbenix bhala tali, ghaliex kieku ma kienx ikun hemm bzonn, li fih ikun hemm it-travi u kolonni”*.

9. Il-ligi in materja hija l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li sar parti mil-ligi ta’ Malta in forza tal-Att XIV ta’ l-1987, li jghid li *“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.”* L-istess disposizzjoni tkompli hekk: *“Izda d-disposizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”*

10. Dak li jrid jigi determinat fil-kaz odjern huwa jekk it-tehid tal-proprjeta` tar-rikorrent appellat sarx fl-interess pubbliku.

11. Il-principji rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Is-setghat ta’ l-Istat li jesproprija hija dejjem soggetta ghal verifika mill-organi gudizzjarji [ara **Raymond Vella et v. Kummissarju ta’ l-Artijiet** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta’ Mejju 2004].

(b) Huwa l-obbligu ta’ l-Istat li jkun qed jesproprija li jipprova li dak l-espropriju jkun qed isir, *inter alia*, fl-interess pubbliku [**Pawlu Cachia v Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta’ Dicembru, 2001]. Dan l-interess pubbliku jrid jibqa’ jissussisti sal-mument meta l-art tkun defenittivament ghaddiet f’idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta’ esproprijazzjoni.

(c) Fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et** deciza fit-30 ta' Dicembru, 1993[1], il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi ghal interess essenzjalment privat. *"L-interess huwa dejjem privat,"* kif spjegat dik il-Qorti, *"meta m'ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat"* [2]. Dik il-Qorti kompliet tispjega li jekk ma jigix precizat sew il-kuncett ta' l-interess pubbliku, allura dana l-"interess pubbliku" jista' jintuza biex jimmina d-drittijiet fondamentali u l-libertajiet tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u, *semble*, bil-Konvenzjoni Ewropea.

(d) Irid ikun hemm ukoll proporzjonalita` bejn l-ghan li jkun irid jintlahaq (bil-privazzjoni tal-possediment ta' dak li jkun) min-naha u l-protezzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-individwu min-naha l-ohra. Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza taghha tal-5 ta' Novembru, 2002 fl-ismijiet **Pincova and Pinc v. The Czech Republic** : ***"The Court observes that any measure which interferes with the right to peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights…In particular there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions…Thus the balance to be maintained between the demands of the general interest of the community and the requirements of fundamental rights is upset if the person concerned has had to bear a "disproportionate burden"…Consequently, the Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation "reasonably related to its value", even though "legitimate objectives of 'public interest' may call for less than reimbursement of the full market value"*** [3]**.**

[1] Kollezz. LXXVII.ii.390
[2] p. 402
[3] para. 52-53.

12. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta – bhalma jidher li kienet l-ewwel Qorti – li dak li verament gara hu li f’xi zmien Tumas Fenech, il-proprjetarju tal-bini adjacenti ghall-art tar-rikorrent appellat, beda jibni fuq l-art tieghu, izda fil-kors ta’ dan il-bini invada l-art ta’ l-appellat, tant li anke parti minn dik li kienet il-kantina tal-bini gdid dahlet taht l-art ta’ l-appellat. Il-bini ‘l fuq mill-wicc ta’ l-art tregga lura, izda dak li lehaq sar taht l-art baqa’ hemm. Ftit wara id-Dipartiment tax-Xogholijiet iddecieda li jibni “reservoir” f’dik l-area biex jilqa’ l-ilma tax-xita u, konvenjentement, il-kuntratt hadu Tumas Fenech (ara d-deposizzjoni tal-Perit Crockford tat-2 ta’ Marzu, 1992). Dan ir-“reservoir” gie jinkludi allura dik il-parti tal-kantina li kienet ga thaffret taht il-proprjeta` tar-rikorrent appellat. Mir-rapport car tal-perit nominat mill-ewwel Qorti – l-A.I.C. Anton Valentino – u mid-deposizzjoni tieghu, jirrizulta li dan ir-“reservoir” ma nbeniex skond l-arti kif mehtieg, u aktar importanti, ma jirrizultax li verament iservi ghall-ilqugh ta’ l-ilma piovana – jekk verament l-iskop kien xi darba li din l-istruttura taht l-art tilqa’ l-ilma tax-xita, dan l-iskop ma jirrizultax li ntlahaq. Ghalkemm l-appellanti intimati jikkontendu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompitu *“li tidhol fil-kwistjoni ta’ kemm dan il-gibjun huwa mibni sewwa”*, minn tali ndagni rrizulta <u>bhala fatt tista’ tghid inkontestat</u> li dan l-espropriju ma sarx fl-interess pubbliku, izda sar fl-interess esklussiv ta’ imprenditur privat, u dan sabiex dan l-imprenditur ikun jista’ *ex post facto* jissana l-fatt li kien haffer taht art ta’ terzi. Bizzejjed jinghad li minn meta sar dan il-‘gibjun’ ma jirrizultax li qatt sar uzu minnu, u dan fuq medda ta’ ‘l fuq minn ghaxar snin. L-appellanti intimati argumentaw li l-konservazzjoni ta’ l-ilma u preservazzjoni ta’ proprjeta` pubblika mibnija bi flus pubblici hija fl-interess pubbliku. Mill-provi jirrizulta li ma kienet qeghda ssir ebda konservazzjoni ta’ ilma. Lanqas ma jfisser li l-bini li jsir mill-Gvern fuq art tal-privat awtomatikament jaghti xi awtorita` lill-istess Gvern li jesproprija proprjeta privata` minghajr ma dan l-esproprju jkun soggett ghall-verifiki mill-organi gudizzjarji kif aktar ‘l fuq imfisser.

13. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-konkluzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt milhuqa mill-ewwel Qorti huma ampjament gustifikati, u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala

ghandha tiddisturba dawn il-konkluzjonijiet. L-appellanti naqsu milli jaghtu prova ta’ l-utilita` pubblika ta’ l-espropriju li sar permezz ta’ Notifikazzjoni numru 640 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta’ Ottubru 1990 – anzi, bil-kontra, kollox jindika li dana l-esproprju sar biex jivvantaggja imprenditur privat.

14. Ghall-motivi premessi tichad l-appell tas-Segretaju Parlamentari ghall-Ambjent u tal-Kummissarju tal-Artijiet, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------